**17 ta' Diċembru, 1965.**

**Imħallfin:**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., Pres.**
**Onor. Prof. J. J. Cremona, B.A., LL.D., D. Litt. (Rome) B.A.Hons. (Lond.) (Ph.D. (Lond) ) F.R. Hist.**
**Onor. J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

*Avvocato Dottor Antonio Caruana*

*versus*

*Dottor Edgar Buhagiar, ne et.*

**Sentenza — Parti Konklusiva — Tassazzjoni.**

*L-art. 217 tal-Kodiċi ta' Proċedura ifisser li biex dikjarazzjoni f'sentenza tkun konklusiva jew obbligatorja ma tridx tkun argument jew raġonament jew sempliċi motiv iżda vera soluzzjoni ta' kwistjoni trattata fis-sentenza.*

*Dak li hu importanti huwa illi s-soluzzjoni jew konkluzzjoni tkun inkluża fis-sentenza, u ma jimmpurtax f'liema parti partikolari tagħha.*

Il-Qorti,

Rat is-sentenza tagħha mogħtija f'din il-kawża fl-erbgħa ta' Marzu, 1963 fejn hemm is-solitu rijepilogu tad-domandi ta' l-attur u ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Dr. Buhagiar nomine u Lawrence Delia u li biha din il-Qorti approvat il-prinċipju, sanċit mill-ġurisprudenza ċitata fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti tat-tnax ta' Diċemru 1962 u rijafermat f'dik is-sentenza, li fil-kawża ta' ritassa għandhom

jiġu magħmula parteċipi fil-ġudizzju anki d-difensuri tal-partijiet fil-kawża oriġinali, iżda rriteniet li dik il-Qorti flok ma lliberat liż-żewġ konvenuti Dr. Buhagiar nomine u Lawrence Delia mill-osservanza tal-gudizzju messha, għall-integrazzjoni tal-ġudizzju, ordnat il-kjamata in kawża ta' dawk id-difensuri, u konsegwentement ipprovdiet fuq l-appell ta' l-attur billi rrevokat is-sentenza appellata u ordnat li l-attijiet jiġu rinvjati lil dik il-Qorti bid-direttiva li tagħmel il-kjamata in kawża tad-difensuri fil-kawza oriġinali, ċioe ta' dawk tal-konvenut Delia (Avukat Dottor Paul Mallia u Prokuratur Legali Benedict H. Dingli) u ta' dawk ta' l-attur, ċioe tal-Prokuratur Legali Giuseppe Galdes, peress li, kwantu għall-Avukat, l-attur kien awto-patroċinat — bl-ispejjeż ta' l-ewwel u tat-tieni istanza nofs kull wieħed bejn l-attur u l-konvenut Delia, inklużi dawk tal-konvenut Buhagiar.

. . . OMISSIS . . .

Rat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti tal-ħdax ta' Mejju, 1965 li biha waqt li, stanti r-rinunzja, asteniet ruħha milli tieħu konjizzjoni tad-domanda ta' l-attur in kwantu tirrigwarda t-tassazzjoni għad-digriet tas-sebgħa ta' Frar, 1962, irrespinġiet l-istess domanda in kwantu tirrigwarda in-nullita tad-depożiti magħmulin mill-konvenut Delia, bl-ispejjes ħlief fejn u kif ġa deċiżi, kontra l-attur, wara li kkunsidrat:—

Illi, integrat il-gudizju kif intqal fuq, u trattata l-kawża, issa ma baqax għal din il-Qorti ħlief li tiddeċidi l-meritu.

Illi dan il-meritu, skond iċ-ċitazjoni, jirrigwarda żewġ punti, i.e. li tiġi ordnata r-ritassa tad-drittijiet tar-Reġistru u tad-difensuri relativament għas-sentenzi ta' din il-Qorti

(7 ta' Frar, 1962) u tal-Qorti ta' l-Appell (26 ta' Marzu, 1962) fil-kawża fuq riferita (Ċitaz. Nru 35/62) billi jiġi esklusi mit-tassazzjoni d-drittijiet tar-Reġistru u tad-difensuri tassati mill-konvenut Dr Buhagiar nomine:—

a) għad-digriet tas-sebgħa ta' Frar, 1962, u

b) għad-dikjarazjoni tan-nullita o meno tad-depositi.

Illi kwantu għall-ewwel punt fuq imsemmi dan jinsab rinunzjat mill-attur skond ma ntqal fuq u għalhekk il-Qorti ma hiex qegħda tieħu konjizzjoni tad-domanda relativament għal din il-kwistjoni.

Illi kwantu għat-tieni kwistjoni l-lanjanza ta' l-attur hi li l-konvenut Dr. Buhagiar, bħala Reġistratur ta' dawn il-Qrati, fil-kawża li ġġib in-numru ta' ċitazzjoni 35/62 fuq imsemmija, intaxxa dritt ta' sebgħa xelini u sitt soldi (7s. 6d.) għar-Reġistru u ta' żewġ liri (£2) għad-difensuri relativament għas-sentenza ta' din il-Qorti, u dritt ta' għaxar xelini (10s.) għar-Reġistru u ta' żewġ liri, tlettax il-xelin u erbgħa soldi (£2.13.4) għad-difensuri rigward is-sentenza fl-appell ,u dana għad-dikjarazzjoni fuq in-nullita o meno tad-depositi magħmulin mill-konvenut Delia, kif jidher mit-taxxa, Dok. A, u mill-estratt mill-ktieb tat-tassazzjoni Dok. B mentri li s-sentenza ta' din il-Qorti u lanqas dik ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li kkonfermata ma fihom dikjarazzjoni jew iddeċidew dwar il-validita o meno tad-depositi fuq imsemmija, kif hemm rikjest fit-Tariffa "G" No. 22, annessa mal-Kodiċi ta' l-Organizzazjoni u Proċedura Ċivili.

Illi mid-dokument esibit a fol. 5 jirriżulta li r-Reġistratur fit-tassazzjoni relativa għaż-żewġ sentenzi in kwistjoni nkluda l-ammonti msemmija fiċ-ċitazzjoni, għar-

Reġistru u għad-difensuri, dwar dikjarazzjoni fuq nullita ta' depositi, u dan barra mid-drittijiet taxxati, tant għar-Reġistru kemm għad-difensuri, f'kull istanza, għall-ħlas tas-sorti ta' tnejn u għoxrin lira (£22).

Illi dak id-dokument ma' jirriżultax li huwa la l-oriġinal u lanqas estratt uffiċċjali mill-ktieb tat-tassazzjonijiet, iżda fin-nuqqas ta' kwalunkwe eċċezzjoni dwar il-korrettezza tal-kontenut tiegħu, li kien dejjem faċilment kontrollabili mill-konvenuti u mill-kjamanti in kawża, il-Qorti qegħda taċċetta din il-prova ta' l-analisi tat-tassazzjoni mpunjata.

Illi skond it-tariffa uffiċjali r-Reġistratur għandu jintassa dritt ta' minn żewġ liri (£2) sa ħames liri (£5) għal kull dikjarazzjoni meħtieġa li jkun fiha deċiżżjoni fuq punt ta' fatt jew ta' liġi. Biċ-ċitazjoni Nru. 36/62 fuq imsemmija l-attur kien fittex lill-konvenut Delia għal ċerti skadenzi ta' kera li dan il-konvenut kien iddeposita taħt l-awtorita tal-Qorti **"inattesi bħala u għaliex nulli u vessatorji, dawk id-depositi."** Il-konvenut Delia kien eċċepixxa, fost ħwejjeġ oħra, li huwa kien validament għadda għad-depositu ġudizjarju bħala sekwestratarju fuq sekwestru esekutiv illi huwa kien irċeva, flimkien ma oħrajn, fit-tmienja ta' Ġunju, 1959, ad istanza ta' Joseph Fenech, kreditur kanonizzat ta' l-attur; li huwa, wara li ġie notifikat bis-sekwestru, kien ukoll irċeva ittra uffiċjali biex ma jżommx flus ta' l-attur f'idejh u biex jgħaddi għad-depositu tagħhom taħt is-sanzjonijiet legali; li l-kawża bejn l-attur u Giuseppe Fenech għar-revoka ta' dak is-sekwestru kienet "res inter alios acta" għalih, u li għalhekk id-domanda ta' l-attur kontra tiegħu kienet infondata **stanti li d-depositu magħmulin minnu ġew magħmulin validament skond il-liġi.** Fuq dawn il-kontestazzjonijiet ċari tal-partijiet, ċioe wieħed (l-attur), li allega l-invalidita tad-depositi, u l-ieħor (il-konvenut De-

lia) li eċċepixxa l-validita tagħhom, din il-Qorti ddeċidiet il-kawża billi, fil-parti konklussjonali tagħha sempliċement "ċaħdet it-talba attriċi bl-ispejjeż għall-attur."

Illi għaldaqstant l-attur issa qiegħed jippretendi li ma kellhomx jiġu ntaxxati drittijiet tar-Reġistru u tad-difensuri dwar dikjarazzjoni tal-validita o meno tad-depositi fuq riferiti, u dana, kif qal fit-trattazzjoni u fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu, għax, għalkemm ma jikkontestax li l-punt sata' kien neċessarju, fil-fatt, pero ma ġiex deċiż, u ġie trattat biss fil-konsiderandi, mentri, kif huwa jirritieni, dan huwa kuntrarju għad-dispost ta' l-art. 217 tal-Kodiċi tal-Proċedura li jiddisponi illi "every declaration intended by the Court to be conclusive or binding shall be included in the operative part of the judgement."

Illi l-konvenuti u l-kjamati in kawża min-naħa l-oħra jikkontendu li s-sentenza ta' din il-Qorti (sussegwentement konfermata fl-Appell b'adozzjoni tal-motivi) iddeċidiet li d-depositi tal-konvenut Delia kienu validi għax (barra milli għall-aħħar wieħed minnhom li jissemma 'l quddiem) saru fi żmien li s-sekwestru ta' Fenech kien għadu veljanti, nonostanti li in segwitu ġie revokat fuq vessatorieta, mentri l-aħħar depositu ġie rikonoxxxut bħala wkoll validu għaliex l-attur kien irraġonevoli meta ppretenda li l-konvenut Delia iħallsu l-kera kollu, wara li rebaħ il-kawża għar-revoka tas-sekwestru kontra Fenech. Il-konvenuti u l-kjamati in kawża għalhekk isostnu li ċ-ċaħda tat-talba ta' l-attur kontenuta fid-"decide" hija konkatenata mal-prassi tagħha dwar il-validita tad-depositi, u li konsegwentement ir-Reġistratur ma setax ma jarax u ma jsibx, fil-konsiderandi jew parti razzjonali tas-sentenza, dikjarazzjoni li d-depositi kienu validi, nonostanti li din id-dikjarazzjoni ma kienetx fid-"decide".

Illi ma jridx jintnesa li din il-kawża, kontrarjament għal dak li donnu ried jimplika l-attur fin-nota tiegħu hija sempliċi kawża ta' ritassa u ma tinvolvix in-nullita tas-sentenza li fuqhom saret it-taxxa impunjata, għax is-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża ta' l-attur kontra l-konvenut Delia ġiet konfermata fis-sedi ta' l-appell u llum tifforma ġudikat, u l-attur ma talabx ir-ritrattazzjoni, kieku qatt sata'.

Illi l-azzjoni ta' l-attur tiddependi unikament mill-pretensjoni, li temerġi aħjar min-nota konklusjonali tiegħu, li kellu jkun hemm dikjarazzjoni espressa dwar il-validita tad-depositi ta' Delia fl-aħħar parti tas-sentenza, dik ċioe fejn din il-Qorti (kif konfermat fl-appell) qalet "Għal dawn ir-raġunijiet, tiċħad etc." Imma din il-pretensjoni tiegħu titlaq mill-premessa u mill-interpretazzjoni inkorretta li skond l-art. 217 Kodiċi Proċedura Ċivili l-parti operativa jew dispositiv jew "decide" tas-sentenza għandha tinsab bilfors u sakramentalment fl-aħħar kliem jew fl-aħħar paragrafu tagħha. Huwa veru li l-art. 217 fuq imsemmi jiddisponi li "kull dikjarazzjoni li l-Qorti trid li tkun deċisiva jew obbligatorja għandha tiġi mdaħħla fid-dispositiv" iżda l-liġi mkien ma tgħid — u kienet tkun illoġika u mprattikabili kieku qalitu — li d-dispositiv rid bilfors jinstab fl-aħħar parti tas-sentenza. Għalkemm fil-kasijiet ordnarji, u forsi anke fil-maġġior parti tal-kasijiet, il-parti konklużżjonali tas-sentenza tirrijaggruppa kull ma jkun ġie deċis, anki kultant b'xi referenzi għal jew ripetizzjonijiet kwasi superfluwi "ex abundantia cautela" konstatazzjonijiet, deċiżżjonijiet jew effettivi ġa nseriti fil-premessi jew motivazjonijiet, ħafna drabi min-naħa l-oħra insibu — mingħajr ebda nkorrettezza — l-akkoljiment jew ir-respinta lakonika taddomanda bħala l-konsegwenza neċessarja u inevitabili ta' dikjarazzjonijiet imdaħħla fil-parti razzjonali u mhux ripe-

tuti fl-aħħar paragrafu li ġeneralment jibda bil-kliem "Għal dawn il-motivi", jew "Għal dawn ir-raġunijiet", salv dejjem li l-konklużjoni finali ma tkunx kontradittorja mad-dikjarazzjoni jew dikjarazzjonijiet li jkun hemm fil-parti razzjonali u li dawn ikunu almenu intelliġibili anke jekk mhux dettaljati. L-importanti huwa li jkun hemm deċiżżjoni u mhux l-ubikazzjoni tagħha f'parti jew oħra tas-sentenza, u dana kif ġie ritenut fis-sentenza (**Ant. Falzon noe vs. Dr. E. Buhagiar, noe.** (Kollez. Vol. XXXIII, I, 230) u diversi drabi qabel, purke mill-konstatazzjoni u min-natura tagħha mill-mod kif il-Qorti tkun esprimiet ruħha fuqha jku. jidher li dik hija vera dikjarazzjoni li għamlet il-Qorti. Din il-ġurisprudenza hija konformi għall-aħjar dottrina in materja, kif jidher mit-trattat tal-Mattirolo, Diritto Giudiziario Civile, Vol. IV para 63 (nota 4) u para 64.

Illi mill-parti razzjonali tas-sentenza in kwistjoni jirriżulta l-ewwelnett illi l-Qorti qalet espressament li kienet sejra tikkunsidra separatament id-depositu magħmul fir-Reġistru tal-Qorti Ċivili Inferjuri fit-tnax ta' Jannar, 1962 wara li tiġi trattata u eżaminata l-kwistjoni tad-depositi l-oħra.

Illi wara din l-introduzzjoni l-Qorti għaddiet biex tgħid li fuq l-att taċ-ċitazzjoni Nru. 497/59 fl-ismijiet "Dr. Antonio Caruana vs. Giuseppe Fenech", il-Qorti ta' l-Appell, wara li rrevokat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-tmienja ta' Jannar, 1960, laqgħet it-talbiet ta' l-attur appellanti, fosthom dika tar-revoka ta' l-esekuzzjoni tal-mandat ta' sekwestru maħruġ fuq talba tal-konvenut appellat f'dik il-kawża (il-kreditur sekwestranti Giuseppe Fenech). "Relatati dawn il-fatti li huma li sfond ta' l-azzjoni" il-Qorti rrilevat li l-instanti f'dik il-kawża (l-attur odjern) "kien qiegħed jippretendi li d-depositi magħmulin mill-konvenut Delia, fiż-

zmien meta s-sekwestru maħruġ kontra tiegħu minn Giuseppe Fenech kien għadu viġenti u veljanti u mhux dikjarata nulla l-esekuzzjoni tiegħu, **huma nulli**, u per konsegwenza qiegħed jitlob, għall-perijodu tal-kera li dawk id-depositi jkopru, l-istess kera bħal li kieku dawk l-istess depositi, li, jekk validi, jirrappresentaw pagamenti fir-rapporti bejn sekwestrat u sekwestratarju, ma sarux. Raġuni tat-talba allegata mill-istanti hija n-nullita u vessatorjeta ta' l-istess depositu."

Illi minn dan jidher ċar kemm kienet importanti fil-ħsieb tal-Qorti l-kwistjoni tal-validita tad-depositi. Anzi mit-terminu espressi taċ-ċitazzjoni ("inattesi, bħala u għaliex nulli u vessatorji, id-depositi magħmulin mill-Konvenut") u ta' l-eċċezzjonijiet, jidher li l-konstatazzjoni tal-validita o meno ta' dawk id-depositi kienet tassew dikjarazzjoni **neċessarja**. Del resto l-attur ma qanqal ebda kwistjoni fil-kawża t'issa dwar in-**neċessita** tad-dikjarazzjoni. Huwa jgħid biss li dik id-dikjarazzjoni ma saretx. Imma tabilħaqq il-Qorti ma tistax tara kif l-attur jista' raġonevolment isostni din it-tesi fil-konfront mal-kliem espliċitu tas-sentenza "de qua" fl-aħħar paragrafu tal-fol. 30 tal-proċess Ċitaz. Nru. 35/62 fejn jingħad espressament li "dawk id-depositi (astrazzjoni fatta għall-mument minn dak tat-tnax ta' Jannar, 1962) ma jistax jingħad la li huma nulli u lanqas li huma vessatorji, u **l-istess (depositi) fir-rapporti bejn l-instanti sekwestrat u l-konvenut sekwestratarju jirrappresentaw validu pagament tar-rispettivi ammonti depositati, b'mod li t-talba dwar l-ammont ta' għoxrin lira ma tistax tiġi milqugħa bil-favur u għandha tiġi miċħuda**" (is-sottolinear qiegħed isir issa).

Illi anke dwar l-aħħar wieħed mill-ħdax-il depositu li l-validita tagħhom ġiet eżaminata bl-imsemmija sentenza

(dak ċioe li sar fil-Qorti Inferjuri fit-tnax ta' Jannar, 1962) din il-Qorti qalet espressament f'dik is-sentenza (fol. 31), wara li speċifikat sew ir-raġuni tar-rifjut tal-kera mill-attur f'dik l-okkażjoni partikolari, li: "Dina l-pretensjoni ta' l-attur di fronti għall-konvenut kienet irraġonevoli u kienet tammonta għal rifjut u **kwindi l-konvenut għamel tajjeb li ddeposita** ħalli ma jsibx ruħu konfrontat b'xi kawża u r-relativi spejjeż tagħha" (is-sottolinear hawn ukoll qiegħed isir issa). Dina hija konstatazzjoni u dikjarazjoni espressa tal-validita anki ta' dak l-aħħar depositu.

Illi l-Qorti, qabel ma għaddiet għar-riġett konklusjonali tat-talba ta' l-attur bl-ispejjes kontra tiegħu, kompliet qalet "illi għalhekk it-talba attriċi ma tistax ħlief tiġi miċħuda u l-massima "quod nullum est nullum producit effectum" sanzjonata bl-artikolu 95 tal-Kodiċi Proċedura Ċivili mhix applikabili għall-każ in kwistjoni fir-relazjoni tas-sekwestrat u sekwestratarju."

Illi għalhekk il-Qorti ssib, tikkonstata, tiddikjara u tiddeċidi f'din is-sentenza illi fis-sentenza ta' din il-Qorti, tas-sebgħa ta' Frar, 1962 fl-ismijiet "Av. Dott. Antonio Caruana vs. Lawrence Delia" (Ċitaz. Nru. 35/62) din il-Qorti kienet għamlet dikjarazzjoni neċessarja u ddeċidiet, għall-finijiet tal-paragrafu 22 tat-Tariffa anessa mal-Kodiċi ta' l-Organizzazjoni u Proċedura Ċivili, li d-depositi msemmija fiċ-ċitazzjoni ta' l-attur f'dik il-kawża kienu ġew magħmulin validament mill-konvenut Delia. Per konsegwenza anki s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tas-sitta u għoxrin ta' Marzu, 1962, li kkonfermatha b'adozzjoni tal-motivi, kien fiha l-istess dikjarazzjoni u deċiżżjoni. U minn dan isegwi li l-konvenut Dr. Buhagar, bħala Reġistratur ta' dawn il-Qrati, aġixxa sewwa u skond id-doveri legali

tiegħu, meta ntaxxa għaf-favur tar-Reġistru u tad-difensuri d-drittijiet dwar dik id-dikjarazzjoni li mħabba dina l-kawża, u d-dewmien li l-kawżi kultant joħolqu, għadhom ma setgħux jiġu riskossi mill-partijiet interessati. Anzi jidher li r-Reġistratur għad li kellu diskrezzjoni jintaxxahom aktar intaxxahom fil-minimu tagħhom.

Illi fl-aħħar tan-nota tiegħu l-attur ippretenda wkoll li s-sentenza li tat lok għat-tassazzjoni impunjata hija nulla għax ma ddeċidietx l-eċċezzjoni tan-nullita (sic) tad-depositi mogħtija mill-konvenut Delia b'kap separat a norma ta' l-art. 731 Kodiċi Proċedura Ċivili. Apparti mill-kwistjoni ta' l-inkonsistenza ta' l-attur f'din il-materja — għax hija ħaġa li tgħid li kwistjoni ma ġietx deċiża xejn u ħaġa oħra li tgħid li ma ġietx deċiża b'kap separat — dan l-argument ta' l-attur huwa rrilevanti għal din il-kawża ta' ritassa, anki kieku qatt kellu xi meritu, għax dik is-sentenza, konfermata kif intqal mill-Qorti Suprema, illum hija rrevokabili, u sakemm l-attur ma jitlobx, jekk qatt għandu fuq xix, li tiġi ritrattata, mhuwiex leċitu li tinfetaħ diskussjoni fuqha, u għalhekk ma hemmx lok li l-Qorti tidħol fil-kwistjoni tal-allegata nullita tagħha (vide, f'sens konformi Cassar-Parnis vs. Soler, ħdax ta' Marzu, 1949, Kollez. Vol. XXXIII, II, 344).

Illi fl-aħħar ta' kull sentenza, anki wara li jkunu saru d-dikjarazzjonijiet kollha neċessarji għall-każ, ikun jonqos l-akkoljiment jew riġett formali tad-domandi ta' l-attur, konsistentement ma dawk id-dikjarazzjonijiet premessi fil-korp tagħha. Kien għalhekk biss, kif ukoll għad irid isir f'dan il-każ, li fis-sentenza fil-kawża fuq imsemmija, il-Qorti, wara li ddikjarat li d-depositi tal-konvenut Delia kienu validi — u b'hekk in sostanza akkoljiet l-eċċezzjoni tiegħu — għaddiet biex tiċħad it-talba ta' l-attur. Imma mhux leċi-

tu għall-attur li jikkonċentra l-indagini u r-reklam tiegħu fuq dik il-parti biss bħalli kieku d-dispositiv tagħha ma jistax jiġi rikavat "tota sententia perspecta."

Rat n-nota li biha l-attur appella minn din l-aħħar sentenza u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li s-sentenza appellata tiġi riformata billi t-talba kif avanzata oriġinarjament tiġi milqugħa fil-konfront tal-konvenuti Dr. Edgar Buhagiar nomine u Lawrence Delia, bl-ispejjes ta' l-ewwel u tat-tieni istanza u tiġi konfermata fil-bqija.

Rat ir-risposta tal-appellat Lawrence Delia li fiha qal illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma u l-appell ta' l-attur għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż: barra minn dan irrileva li ma jidherx li kien każ ta' "riforma" imma pjuttost ta' revoka tas-sentenza rigward l-uniku punt li kien baqa fuq il-kwistjoni tan-nullita.

Rat ir-risposta ta' Dr. Edgar Buhagiar nomine li qal illi d-domanda kif formulata ma tistax tiġi kkunsidrata għaliex ma fihiex ir-rekwiżiti ta' l-artikolu 142(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (Kap. 15): inoltre ma jistax ikun li tiġi akkolta t-talba "kif avanzata oriġinarjament", la darba xi parti mill-istess talba ġiet rinunzjata: is-sentenza appellata hi ġusta u għandha tiġi konfermata bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

M'hemmx dubju illi t-talba fil-petizzjoni hi formulata ħażin. Ovvjament l-appellant ma jistax jitlob illi tiġi akkolta minn din il-Qorti d-domanda tiegħu "kif avanzata oriġinarjament fiċ-ċitazzjoni", ġa la darba, l-appellant in-nifsu kien, in prim'istanza, irrinunzja għal dik id-domanda in

kwantu kienet, skond iċ-ċitazzjoni, tirriferixxi għat-tassazzjoni dwar id-digriet tas-sebgħa ta' Frar, 1962. Is-sentenza appellata ddeċidiet biss fuq it-talba taċ-ċitazzjoni in kwantu kienet tirriferixxi għat-tassazzjoni dwar il-kwistjoni tan-nullita tad-depożiti magħmula minn Delia u l-appellant sata jitlob u messu talab, fil-petizzjoni ta' l-appell mhux ir-riforma tas-sentenza appellata, iżda r-revoka tagħha in kwantu ċaħdet dik it-talba tiegħu billi tiġi akkolta dik it-talba tiegħu.

In kwantu, imbagħad, fil-petizzjoni l-appellant talab, ir-"riforma" tas-sentenza appellata fis-sens fuq imsemmi "fil-konfront ta' l-konvenuti Dr. Buhagiar nomine u Lawrence Delia . . . u l-konferma tagħha fil-bqija", il-Qorti jidhrilha li l-appellant waqa f'kontradizzjoni miegħu n-nifsu. Is-sentenza appellata, sa kemm tibqa sseħħ, tagħmel stat tant fir-rapporti bejn l-appellant u Dr. Edgar Buhagiar nomine u Lawrence Delia, li ġew konvenuti mill-bidu, kemm ukoll fir-rapporti bejn l-appellant u l-Avukat Dottor Paul Mallia u l-Prokuratur Legali Benedict Dingli u l-eredi tal-Prokuratur Legali Giuseppe Galdes, li ġew imsejjħin fil-kawża b'ordni tal-Qorti. Dawn l-imsejjħin fil-kawża ma ġewx appellati: anzi, impliċitament, għar-rigward tagħhom l-appellant qed jitlob li s-sentenza appellata "tiġi konfermata": u, difatti in kwantu s-sentenza appellata tirrigwarda l-kjamati fil-kawża, din tifforma ġudikat. Il-Qorti ma tifhemx kif, jista jintalab mingħajr kontraddizzjoni, li s-sentenza appellata tgħid ħaġa — rigward l-istess tassazzjoni — fil-konfront ta' Lawrence Delia (ċioe anke tad-difensuri tiegħu) u fl-istess ħin tgħid il-kuntrarju fil-konfront ta' dawk l-istess difensuri li kienu msejjħin fil-kawża: dan jgħodd ukoll għall-eredi ta' l-Prokuratur Legali Giuseppe Galdes.

Hemm anki iżjed x'jista jingħad fuq dawn il-punti, iżda din il-Qorti ma jidhriliex li hu l-każ li tokkupa ruħha min-

nhom minħabba li hi ta' fehma illi, f'kwalunkwe każ, l-appell ta' l-attur hu kjarament infondat fil-meritu.

Il-kwistjoni tal-validita o meno tad-depożiti fil-kawża li għaliha tirriferixxi t-tassazzjoni mpunjata kienet vitali għad-definizzjoni ta' dik il-kawża: u kienet vitali għaliex intavolaha l-appellant innifsu bħala attur f'dik il-kawża meta talab il-kundanna tal-ħlas tal-kera "inatteżi bħala u għaliex nulli u vessatorji d-depożiti." Proprjament, f'dik il-kawża il-kawżali tat-talba ta' l-appellant kienet tikkonsisti fil-fatt illi l-konvenut kien okkupa b'kiri l-fond tiegħu għaż-żmien in kwistjoni u għalhekk il-konvenut kellu jħallas il-kera korrispettiv. Iżda peress illi l-konvenut kien qiegħed jippretendi illi dak il-kera hu kien ħallsu billi kien iddepożita l-ammonti relativi taħt l-awtorita tal-Qorti, għalhekk l-attur, stess, fiċ-ċitazzjoni, ried illi l-Qorti tinjora dawk id-depożiti billi tirritenihom nulli u vessatorji: din kienet kwistjoni separata u distinta minn dik sempliċement invoduta fil-vera kawżali tad-domanda bħala t-titolu tal-kreditu pretiż mill-appellant u s-soluzzjoni tagħha kienet tiddependi minn punt ta' liġi applikat għar-riżultanzi tal-fatti partikolari.

Ma jistax ikun hemm dubju illi dik il-kwistjoni dwar il-validita tad-depożitu li kienet, kif intqal, essenzjali fil-fattispeċie għad-deċiżjoni finali tal-kawża, ġiet fil-fatt riżoluta, ċioe fi kliem ieħor deċiża, fis-sentenzi in kwistjoni. It-test ta' dan qiegħed fil-fatt illi ma' jistax ikun hemm dubju illi, fuq dik il-kwistjoni dawk is-sentenzi kienu jikkostitwixxu ġudikat b'mod illi bejn l-istess partijiet il-validita tad-depożiti ma setgħatx evidentement tiġi aktar kwistjonata.

L-appellant pero jippretendi — u din hi in sostanza t-teżi kollha tiegħu — illi, għal finijiet tat-tassazzjoni, ir-

riżoluzzjoni u deċiżżjoni ta' dik il-kwistjoni ma għandiex titqies bħala "deċiżżjoni" jew "dikjarazzjoni" għaliex ma kienetx tifforma parti mid-"dispositiv" ta' dawk is-sentenzi. Fuq dan il-punt din il-Qorti ftit issib x'tista utilment jiżdied ma dak li hemm fis-sentenza issa appellata. Biss a propożitu ta' dak li ġie sottomess fil-petizzjoni ta' l-appell fis-sens illi t-test preżenti ta' l-artikolu 217 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili huwa divers sostanzjalment minn dak li kien jgħid it-test antik taljan ta' l-artikolu korrispondenti, il-Qorti jidhrilha li ma għandux jitqies li hemm din id-differenza sostanzjali nonostanti l-apparenti differenza ta' lokuzzjoni: ċertament ma kienx ħsieb ta' l-Edizzjoni Riveduta li tbiddel fis-sostanza s-sens tal-liġi. Fil-fehma tal-Qorti dak illi t-test tal-liġi jfissir huwa illi biex dikjarazzjoni tkun konklusiva jew obbligatorja ma tridx tkun merament jew raġonament jew simpliċi motiv iżda vera soluzzjoni ta' kwistjoni trattata fis-sentenza li tirrappreżenta l-konklużżjoni finali tal-Qorti fuq il-kwistjoni. Dak li hu importanti huwa illi s-soluzzjoni jew konklużżjoni tkun inkluża fis-sentenza u ma jimportax f'liema parti partikolari tagħha: "operative part of the judgement" għandha loġikament tfisser kull parti tas-sentenza fejn tassew ikun hemm soluzzjoni jew definizzjoni ta' kwistjoni li l-Qorti tintendi li għandha tkun konklusiva jew obbligatorja u kif intqal ma għandux ikun hemm dubju illi fis-sentenza in kwistjoni s-soluzzjoni u definizzjoni tal-kwistjoni dwar il-validita fid-depożiti kienet konklusiva u obbligatorja bejn il-kontendenti.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-appellant.